II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343 disponibbli fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 11 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-latches tal-bibien u tal-komponenti għaż-żamma tal-bibien [2019/1354]

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 04 — Id-data tad-dħul fis-seħħ: 28 ta' Mejju 2019

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp tal-applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Rekwiżiti ġenerali
6. Rekwiżiti tal-prestazzjoni
7. Proċeduri tat-test
8. Modifiki u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura
9. Konformità tal-produzzjoni
10. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
11. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
12. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
13. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ANNESSI

1. Komunikazzjoni
2. Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni
3. Testijiet tat-tagħbija wieħed, tnejn, u tlieta bl-applikazzjoni ta' forza fuq il-latch
4. Proċeduri tat-test tal-inerzja
5. Proċedura tat-test fuq iċ-ċappetti
6. Bieba tal-ġenb skorrevoli — Test tal-bibien kompluti

1. KAMP TAL-APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 ([1]) fir-rigward tal-latches u l-komponenti li jżommu l-bibien bħalma huma ċ-ċappetti u mezzi oħrajn ta' sostenn fuq il-bibien, li jistgħu jintużaw għad-dħul jew il-ħruġ tal-okkupanti, u li jistgħu jippreżentaw riskju li l-okkupanti jintefgħu 'il barra minn vettura b'riżultat ta' ħabta.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-latches tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien.

2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi motorizzati li ma jvarjawx f'aspetti essenzjali bħal:

2.2.1. Id-dežinjazzjoni tat-tip ta' vettura mill-manifattur;

2.2.2. It-tip ta' latch;

2.2.3. It-tip ta' komponent għaż-żamma tal-bieba;

2.2.4. Il-mod li bih il-latches u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien ikunu armati mal-istruttura tal-vettura u miżmuma minnha;

2.2.5. It-tip ta' bibien skorrevoli;

2.3. "Latch awżiljarju ta' bieba" huwa latch mgħammar b'pożizzjoni fully latched bi jew mingħajr pożizzjoni ta' latching sekondarja, u armat ma' bieba jew ma' sistema ta' bieba mgħammra b'sistema ta' latch primarju tal-bieba.

2.4. "Sistema ta' latch awżiljarju ta' bieba" tikkonsisti, bħala minimu, minn latch awżiljarju ta' bieba u striker.

2.5. "Bieba ta' wara" hija bieba jew sistema ta' bieba fuq wara nett ta' vettura motorizzata li permezz tagħha l-passiġġieri jistgħu jidħlu jew joħorġu (inkluż meta jintremew 'il barra) mill-vettura jew li minnha tista' titgħabba jew tinħatt il-merkanzija. Ma tinkludix:

(a) Għatu tal-bagoll; jew

(b) Bieba jew tieqa magħmula kompletament minn materjal tal-ħġieġ u li l-latches u/jew is-sistemi taċ-ċappetti tagħha jkunu mwaħħlin direttament mal-materjal tal-ħġieġ;

2.6. "Membru ta' mal-body" hija dik il-parti taċ-ċappetta li normalment tkun imwaħħla mal-istruttura tal-body tal-vettura;

2.7. Protezzjonijiet addizzjonali

2.7.1. "Sistema tal-illokkjar għas-sikurezza tat-tfal" hija apparat tal-lokkjar li jista' jiġi attivat u miftuħ indipendentement mill-apparati tal-illokkjar l-oħrajn u li, meta jintuża, jimpedixxi t-tħaddim tal-manku intern tal-bieba jew apparat ieħor ta' rilaxx. L-apparat għar-rilaxx/attivar tal-lokk jista' jkun manwali jew inkella jaħdem bl-elettriku u jista' jkun fi kwalunkwe post fuq jew ġewwa l-vettura;

2.7.2. "Sistema tal-illokkjar totali" hija sistema li biha l-manku tar-rilaxx intern tal-bieba jew kwalunkwe apparat intern tar-rilaxx tal-latch ta' kwalunkwe waħda mill-bibien tal-vettura jsiru inoperabbli għajr billi jitħaddmu l-lokkijiet tas-sistema;

2.8. "Bibien" tfisser bibien biċ-ċappetti jew bibien skorrevoli li jwasslu direttament f'kompartiment li jkun fih pożizzjoni bilqiegħda waħda jew aktar u li ma jkunux bibien li jintwew, bibien li jirromblaw 'il fuq u bibien iddisinjati biex jitwaħħlu jew jitneħħew faċilment minn vetturi motorizzati mmanifatturati għal tħaddim mingħajr bibien;

2.9. "Sistema ta' twissija għall-għeluq tal-bibien" hija sistema li tattiva sinjal viżiv ippożizzjonat fejn jista' jidher b'mod ċar mis-sewwieq meta s-sistema tal-latch tal-bieba ma tkunx fil-pożizzjoni fully latched u waqt li l-ignixin tkun attivata;

2.10. "Sistema ta' ċappetti tal-bieba" hija ċappetta waħda jew aktar użata biex tinżamm bieba;

2.11. "Sistema ta' latch tal-bieba" hija magħmula bħala minimu, minn latch u striker;

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2. — http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

2.12. "Membru ta' mal-bieba" hija dik il-parti taċ-ċappetta li normalment tkun imwaħħla mal-istruttura tal-bieba u li tikkostitwixxi l-parti li tinfetaħ u tingħalaq;

2.13. "Sistema tal-bieba" hija l-bieba, il-latch, l-istriker, iċ-ċappetti, il-kombinazzjonijiet tal-kanal li fuqu tiżżerżaq il-bieba (sliding track) u komponenti oħrajn għaż-żamma tal-bibien li jkunu jinsabu fuq il-bieba u d-dawra li tiċċirkondaha. Is-sistema tal-bieba ta' bieba doppja tinkludi ż-żewġ bibien;

2.14. "Bieba doppja" hija sistema ta' żewġ bibien fejn il-bieba ta' quddiem jew bieba li togħla 'l fuq (wing door) tinfetaħ l-ewwel u din taqbad mal-bieba ta' wara jew mal-bieba msakkra, li tinfetaħ it-tieni;

2.15. "Fork-bolt" hija l-parti tal-latch li taqbad mal-istriker u żżommu meta tkun fil-pożizzjoni latched;

2.16. "Direzzjoni tal-ftuħ tal-fork-bolt" hija d-direzzjoni opposta għal dik li fiha l-istriker jidħol fil-latch biex iħaddem il-fork-bolt;

2.17. "Pożizzjoni fully latched" hija l-kundizzjoni ta' ggančjar tal-latch li żżomm il-bieba f'pożizzjoni magħluqa għalkollox;

2.18. "Ċappetta" hija biċċa apparat li jintuża biex il-bieba tiġi ppożizzjonata b'mod relattiv mal-istruttura tal-body tal-vettura u li jikkontrolla l-mogħdija taċ-ċaqliq tal-bieba għad-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri;

2.19. "Pern taċ-ċappetta" huwa dak il-porzjon taċ-ċappetta li normalment iqabbad ma' xulxin il-body tal-vettura u l-membri tal-bieba u jistabbilixxi l-assi taċ-ċaqliq;

2.20. "Latch" huwa apparat użat sabiex iżomm il-bieba f'pożizzjoni magħluqa relattiv mal-body tal-vettura b'mekkaniżmu għar-rilaxx (jew tħaddim) intenzjonali;

2.21. "Latch primarju tal-bieba" huwa latch mgħammar kemm b'pożizzjoni fully latched kif ukoll b'pożizzjoni ta' latching sekondarja u ddeżinjat bħala "latch primarju tal-bieba" mill-manifattur. Aktar tard, il-manifattur ma jistax jibdel dik id-deżinjazzjoni. Kull manifattur għandu, meta jkun mitlub jagħmel dan, jipprovdi informazzjoni dwar liema latches jkunu "latches primarji tal-bieba" għal vettura jew marka/mudell partikolari;

2.22. "Sistema ta' latch primarju tal-bieba" hija magħmula, bħala minimu, minn latch primarju tal-bieba u striker;

2.23. "Pożizzjoni ta' latching sekondarja" tirreferi għall-kundizzjoni ta' ggančjar tal-latch li żżomm il-bieba f'pożizzjoni parzjalment magħluqa;

2.24. "Bieba tal-ġenb ta' quddiem" hija bieba li, f'dehra mill-ġenb, ikollha 50 fil-mija jew aktar tal-erja tal-ftuħ tagħha 'l quddiem mill-punt l-aktar lura fuq id-dahar tas-sit tas-sewwieq, meta d-dahar tas-sit jkun aġġustat fl-iżjed pożizzjoni vertikali u lura, li tipprovdi aċċess dirett għall-passiġġieri biex jidħlu jew joħorġu mill-vettura;

2.25. "Bieba tal-ġenb ta' wara" hija bieba li, f'dehra mill-ġenb, ikollha 50 fil-mija jew aktar tal-erja tal-ftuħ tagħha fuq wara tal-iżjed punt lura fuq id-dahar tas-sit tas-sewwieq, meta s-sit tas-sewwieq ikun aġġustat fl-iżjed pożizzjoni vertikali u lura tiegħu, li tipprovdi aċċess dirett għall-passiġġieri biex jidħlu jew joħorġu mill-vettura;

2.26. "Striker" huwa apparat li jorbot fuqu l-latch biex iżomm il-bieba fil-pożizzjoni fully latched jew fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja;

2.27. "Għatu tal-bagoll" huwa panel jiċċaqlaq tal-body tal-vettura li jipprovdi aċċess minn barra l-vettura għal spazju separat għalkollox mill-kompartiment tal-okkupant permezz ta' separatur imwaħħal b'mod permanenti jew dahar tas-sit fiss jew li jintewa.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-latches tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu.

3.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija hawn taħt, fi tliet kopji, u mid-dettalji li ġejjin:

3.2.1. Tpinġijiet tal-bibien u tal-latches u l-komponenti tagħhom għaż-żamma tal-bibien fuq skala xierqa u f'dettall suffiċjenti;

3.2.2. Deskrizzjoni teknika tal-latches u tal-komponenti għaż-żamma tal-bibien.

3.3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata wkoll minn:

3.3.1. Lott ta' ħames settijiet ta' komponenti taż-żamma tal-bibien għal kull bieba. Madankollu, meta jintużaw l-istess settijiet għal diversi bibien, ikun biżżejjed li jiġi ppreżentat lott wieħed ta' settijiet. Settijiet ta' komponenti għaż-żamma tal-bibien huma differenti minn xulxin biss minħabba li jkunu ddisinjati sabiex jitwaħħlu fuq ix-xellug jew fuq il-lemin ma jitqisux bħala differenti;

3.3.2. Grupp ta' ħames latches kompluti, inkluż il-mekkaniżmu ta' attwazzjoni tagħhom, għal kull bieba. Madankollu, meta jintużaw l-istess latches kompluti għal diversi bibien, ikun biżżejjed li jiġi ppreżentat lott wieħed ta' latches. Latches li huma differenti minn xulxin biss minħabba li jkunu ddisinjati sabiex jintramaw fuq ix-xellug jew fuq il-lemin ma jitqisux bħala differenti.

3.4. Vettura, rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandu jiġi approvat, għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5, 6 u 7 ta' hawn taħt, dak it-tip ta' vettura għandu jiġi approvat.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri (03) għandhom jindikaw is-serje tal-emendi li tinkorpora l-aħħar emendi tekniċi importanti li jkunu saru fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lill-istess tip ta' vettura jekk il-bibien ma jkunux mgħammra b'latches jew b'komponenti għaż-żamma tal-bibien tal-istess tip, jew jekk il-latches u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien ma jkunux armati bl-istess mod bħal fuq il-vettura mressqa għall-approvazzjoni; min-naħa l-oħra, tista' tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura li l-bibien tagħha jkunu mgħammra bl-istess latches u komponenti għaż-żamma tal-bibien armati bl-istess mod bħal fuq il-vettura mressqa għall-approvazzjoni.

4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni ([2]);

4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit bl-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni, fuq il-lemin taċ-ċirku deskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tkun konformi ma' tip ta' vettura approvat, skont Regolament wieħed jew aktar annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan, ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed fuq il-pjanċa tad-*data* tal-vettura inkella qrib tagħha.

4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.

5. REKWIŻITI ĠENERALI

5.1. Ir-rekwiżiti japplikaw għall-bibien kollha tal-ġenb u ta' wara u l-komponenti tal-bibien ħlief dawk fuq il-bibien li jintwew, il-bibien li jirromblaw 'il fuq, il-bibien li jinqalgħu minn posthom, u l-bibien iddisinjati biex jipprovdu ħruġ tal-emerġenza.

([2]) In-numri distintivi tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 jinsabu fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 6, Anness 3 - http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

5.2. Latches tal-bibien

5.2.1. Kull sistema ta' bibien biċ-ċappetti għandha tkun mgħammra b'tal-inqas sistema ta' latch primarju waħda tal-bieba.

5.2.2. Kull sistema ta' bieba li skorrevoli għandha tkun mgħammra jew:

(a) B'sistema ta' latch primarju tal-bieba, inkella

(b) Sistema ta' latch tal-bieba b'pożizzjoni fully latched u sistema ta' twissija għall-għeluq tal-bieba.

6. REKWIŻITI TAL-PRESTAZZJONI

6.1. Bibien biċ-ċappetti

6.1.1. Test tat-tagħbija numru wieħed

6.1.1.1. L-ebda sistema ta' latch primarju tal-bieba u sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni fully latched, ma għandha tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 11 000 N fid-direzzjoni perpendikulari mal-wiċċ tal-latch b'mod li l-latch u l-ankraġġ tal-istriker ma jingħafsux ma' xulxin, meta jiġu ttestjati skont il-paragrafu 7.1.1.1.

6.1.1.2. Fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja, is-sistema ta' latch primarju ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni bħal fil-paragrafu 6.1.1.1, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.

6.1.2. Test tat-tagħbija numru tnejn

6.1.2.1. L-ebda sistema ta' latch primarju tal-bieba u sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni fully latched, ma għandha tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 9 000 N fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-fork-bolt u b'mod parallel mal-wiċċ tal-latch, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.

6.1.2.2. Fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja, is-sistema ta' latch primarju ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni, bħal fil-paragrafu 6.1.2.1, meta ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.

6.1.3. Test tat-tagħbija numru tlieta (applikabbli għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)

6.1.3.1. L-ebda sistema ta' latch primarju tal-bieba ma għandha tinħall mill-pożizzjoni fully latched meta tiġi applikata tagħbija vertikali ta' 9 000 N.

6.1.4. Tagħbija tal-inerzja

Kull sistema ta' latch primarju tal-bieba u sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1.4.1 jew tal-paragrafu 6.1.4.2 jew il-kalkolu tar-rekwiżiti tar-reżistenza għat-tagħbija tal-inerzja fil-paragrafu 6.1.4.3.

6.1.4.1. L-ebda sistema ta' latch primarju tal-bieba u sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba fuq kull bieba biċ-ċappetti ma għandha tinħall mill-pożizzjoni fully latched meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema ta' latches tal-bibien, inkluż il-latch u l-apparat tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjonijiet paralleli mal-assi lonġitudinali u trasversali tal-vettura bl-apparat tal-illokkjar mhux attivat u meta ttestjat skont il-paragrafu 7.1.1.2.

6.1.4.2. Barra minn hekk, l-ebda sistema ta' latch primarju tal-bieba u sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba fuq kull bieba ta' wara biċ-ċappetti ma għandha tinħall mill-pożizzjoni fully latched meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema tal-latch tal-bieba, inkluż il-latch u l-apparat tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjoni parallela mal-assi vertikali tal-vettura, bl-apparat tal-illokkjar mhux attivat u meta ttestjat skont il-paragrafu 7.1.1.2.

6.1.4.3. Għal kull komponent jew subassemblaġġ, tista' tiġi kkalkulata r-reżistenza minima għat-tagħbija tal-inerzja f'direzzjoni partikolari. Ir-reżistenza kkombinata għall-operazzjoni tal-ftuħ tal-latch trid tassigura li s-sistema tal-latch tal-bieba, meta tkun armata sewwa fil-bieba tal-vettura, tibqa' latched meta tiġi soġġetta għal tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fid-direzzjonijiet tal-vettura speċifikati fil-paragrafu 6.1.4.1 u 6.1.4.2, kif applikabbli, skont il-paragrafu 7.1.1.2.

6.1.5. Ċappetti tal-bibien

6.1.5.1. Kull sistema ta' ċappetti tal-bieba għandha:

(a) Iżżomm il-bieba;

(b) Ma tisseparax meta tiġi applikata tagħbija lonġitudinali ta' 11 000 N;

(c) Ma tisseparax meta tiġi applikata tagħbija trasversali ta' 9 000 N, u

(d) Fuq bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, ma tisseparax meta tiġi applikata tagħbija vertikali ta' 9 000 N.

6.1.5.2. It-testijiet kollha meħtieġa mill-paragrafu 6.1.5.1 isiru skont il-paragrafu 7.1.2.

6.1.5.3. Jekk tiġi ċċekkjata ċappetta waħda f'sistema ta' ċappetti minflok is-sistema ta' ċappetti kollha, iċ-ċappetta trid tiflaħ tagħbija proporzjonali man-numru totali ta' ċappetti fis-sistema taċ-ċappetti.

6.1.5.4. Fuq bibien tal-ġenb b'ċappetti mmuntati fuq wara li jistgħu jitħaddmu b'mod indipendenti mill-bibien l-oħra,

(a) Il-manku ta' ġewwa tal-bieba ma għandux ikun operattiv meta l-veloċità tal-vettura tkun ogħla minn 4 km/h jew aktar; kif ukoll

(b) Għandha tkun ipprovduta sistema ta' twissija għall-għeluq tal-bieba għal dawn il-bibien.

6.2. Bibien tal-ġenb skorrevoli

6.2.1. Test tat-tagħbija numru wieħed

6.2.1.1. Tal-inqas sistema ta' latch waħda tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni fully latched, ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 11 000 N fid-direzzjoni perpendikulari mal-wiċċ tal-latch, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.

6.2.1.2. Fil-każ ta' sistema ta' latch primarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja, is-sistema tal-latch tal-bieba ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni bħal fil-paragrafu 6.2.1.1, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.

6.2.2. Test tat-tagħbija numru tnejn

6.2.2.1. Tal-inqas sistema ta' latch waħda tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni fully latched, ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 9 000 N fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-fork-bolt u parallela mal-wiċċ tal-latch meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.

6.2.2.2. Fil-każ ta' sistema ta' latch primarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja, is-sistema ta' latch primarju ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni bħall-paragrafu 6.2.2.1, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.

6.2.3. Tagħbija tal-inerzja

Kull sistema ta' latch ta' bieba li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 6.2.1 u 6.2.2 għandha tissodisfa r-rekwiżiti dinamiċi jew tal-paragrafu 6.2.3.1 inkella l-kalkolu tar-rekwiżiti tal-inerzja tal-paragrafu 6.2.3.2.

6.2.3.1. Is-sistema tal-latch tal-bieba ma għandhiex tinħall mill-pożizzjoni fully latched meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema tal-latch tal-bieba, inkluż il-latch u l-apparat tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjonijiet paralleli mal-assi lonġitudinali u vertikali tal-vettura bl-apparat tal-illokkjar mhux attivat u meta ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.2.

6.2.3.2. Ir-reżistenza minima għat-tagħbija tal-inerzja tista' tiġi kkalkolata għal kull komponent jew subassemblaġġ. Ir-reżistenza kkombinata tagħhom għall-operazzjoni tal-ftuħ tal-latch trid tassigura li s-sistema tal-latch ta' bieba, meta tkun armata sewwa fil-bieba tal-vettura, tibqa' latched meta tiġi soġġetta għal tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fid-direzzjonijiet tal-vettura speċifikati fil-paragrafu 6.2.1 jew 6.2.2, kif applikabbli, skont il-paragrafu 7.2.1.2.

6.2.4. Sistema tal-bibien

6.2.4.1. Il-kombinazzjoni ta' kurrent taż-żerżiq jew mezzi oħrajn ta' sostenn għal kull bieba skorrevoli, waqt li tkun fil-pożizzjoni fully latched, ma għandhiex tissepara minn mad-dawra tal-bieba meta tiġi applikata forza totali ta' 18 000 N fuq il-bieba tul l-assi trasversali tal-vettura skont il-paragrafu 7.2.2.

6.2.4.2. Il-bieba skorrevoli, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.2, ma tgħaddix minn dan ir-rekwiżit jekk isseħħ xi waħda minn dawn li ġejjin:

6.2.4.2.1. Separazzjoni li tippermetti sfera b'dijametru ta' 100 mm tgħaddi mingħajr tfixkil mill-intern tal-vettura għall-estern tal-vettura, filwaqt li tinżamm il-forza meħtieġa.

6.2.4.2.2. Xi wieħed mill-apparat għall-applikazzjoni tal-forza jilħaq spostament totali ta' 300 mm.

6.3. Lokkijiet tal-bibien

6.3.1. Kull bieba għandha tkun mgħammra tal-inqas b'apparat wieħed tal-illokkjar li, meta jintuża, għandu jimpedixxi t-tħaddim tal-manku estern ta' bieba jew ta' apparat ta' kontroll ieħor tar-rilaxx estern tal-latch u li jkollu mezz ta' tħaddim u apparat għar-rilaxx/attivar tal-lokk fuq ġewwa tal-vettura.

6.3.1.1. Jekk tkun installata, is-sistema tal-illokkjar totali tista' tiġi attivata biss meta ċ-ċavetta tal-ignixin ma tkunx fil-modalità ta' tħaddim tal-magna u għandha tiġi installata f'kombinazzjoni ma' tal-inqas waħda mill-miżuri li ġejjin:

(a) Sistema tal-allarm b'detezzjoni interna skont ir-Regolament Nru 116 jew ir-Regolament Nru 97, jew tagħmir ieħor li kapaċi jindividwa l-moviment tal-okkupant. L-attivazzjoni tas-sistema tal-illokkjar totali għandu jiġi pprojbit meta jiġi individwat moviment ta' xi okkupant fil-kompartiment tal-passiġġieri; jew

(b) Apparat ta' twissija akustika (eż. ħorn) li jista' jiġi attivat mill-ġewwieni tal-vettura f'każ li l-ignixin tintefa u s-sistema tal-illokkjar totali tiġi attivata.

6.3.2. Il-bibien tal-ġenb ta' wara

Kull bieba tal-ġenb ta' wara għandha tkun mgħammra tal-inqas b'apparat wieħed tal-illokkjar li, meta jiġi attivat, jimpedixxi t-tħaddim tal-manku intern ta' bieba jew ta' apparat ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-latch u li jeħtieġ azzjonijiet separati biex jiġi ddiżattivat il-lokk tal-bieba u jitħaddem il-manku intern tal-bieba jew ta' apparat ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-latch.

6.3.2.1. L-apparat tal-illokkjar jista' jkun:

(a) sistema tal-illokkjar għas-sikurezza tat-tfal; jew

(b) apparat għar-rilaxx/attivar tal-lokk li jinsab fuq ġewwa tal-vettura u li huwa aċċessibbli faċilment għas-sewwieq tal-vettura jew ta' okkupant bilqiegħda maġenb il-bieba.

6.3.2.2. Kwalunkwe sistema deskritta fil-paragrafu 6.3.2.1(a) u (b) għandha tkun permessa bħala element addizzjonali tal-illokkjar.

6.3.3. Il-bibien ta' wara

Kull bieba ta' wara mgħammra b'manku intern jew b'apparat kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-latch, għandha tkun mgħammra b'tal-inqas apparat wieħed tal-illokkjar li jinsab fuq ġewwa tal-vettura li, meta jiġi attivat, jimpedixxi t-tħaddim tal-manku intern tal-bieba jew tal-apparat ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-latch u li jeħtieġ azzjonijiet separati sabiex tinfetaħ il-bieba u jitħaddem il-manku intern tal-bieba jew tal-apparat ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-latch.

6.3.3.1. L-apparat tal-illokkjar jista' jkun:

(a) Sistema tal-illokkjar għas-sikurezza tat-tfal; jew

(b) Tagħmir tar-rilaxx/attivazzjoni tal-lokk li jkun jinsab ġewwa l-vettura u li jkun aċċessibbli faċilment; jew

(c) Sistema li trendi l-manku ta' ġewwa tal-bieba jew tal-apparat ta' kontroll intern ieħor tar-rilaxx tal-latch għal din il-bieba inoperattiv meta l-veloċità tal-vettura tkun 4 km/h jew aktar; jew

(d) Kwalunkwe taħlita tal-punti (a), (b) jew (c) hawn fuq.

7. PROĊEDURI TAT-TEST

7.1. Bibien biċ-ċappetti

7.1.1. Latches tal-bibien

7.1.1.1. Testijiet tat-tagħbija wieħed, tnejn, u tlieta bl-applikazzjoni ta' forza

Il-konformità mal-paragrafi 6.1.1, 6.1.2 u 6.1.3 tintwera skont l-Anness 3.

7.1.1.2. Applikazzjoni tal-forza tal-inerzja

Il-konformità mal-paragrafu 6.1.4 tintwera skont l-Anness 4.

7.1.2. Ċappetti tal-bibien

Il-konformità mal-paragrafu 6.1.5 tintwera skont l-Anness 5.

7.2. Bibien tal-ġenb skorrevoli

7.2.1. Latches tal-bibien

7.2.1.1. Testijiet tat-tagħbija wieħed u tnejn bl-applikazzjoni ta' forza

Il-konformità mal-paragrafi 6.2.1 u 6.2.2 tintwera skont l-Anness 3.

7.2.1.2. Applikazzjoni tal-forza tal-inerzja

Il-konformità mal-paragrafu 6.2.3 tintwera skont l-Anness 4.

7.2.2. Sistema tal-bibien

Il-konformità mal-paragrafu 6.2.4 tintwera skont l-Anness 6.

8. MODIFIKI U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-VETTURA

8.1. Kull modifika għat-tip tal-vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip tal-vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' mbagħad jew:

8.1.1. Tqis li l-modifika li saret x'aktarx mhux se jkollha effetti negattivi apprezzabbli u li jkun xi jkun il-każ, il-vettura xorta għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

8.1.2. Tesiġi rapport ieħor tat-test mis-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet.

8.2. Konferma jew ċaħda ta' approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-alterazzjonijiet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fil-paragrafu 4.3 t'aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

8.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li ssir għal estensjoni bħal din.

9. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. Kull vettura li jkollha marka tal-approvazzjoni kif preskritt skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip tal-vettura approvat fir-rigward tal-elementi li kapaċi jimmodifikaw il-karatteristiċi tal-latches tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien jew il-mod li bih ikunu armati.

9.2. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità kif preskritt fil-paragrafu 9.1 hawn fuq, għandhom isiru numru suffiċjenti ta' kontrolli aleatorji fuq vetturi manifatturati f'serje li jkollhom il-marka tal-approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.

9.3. Bħala regola ġenerali, kif intqal aktar 'il fuq, il-kontrolli għandhom ikunu limitati għat-teħid tal-kejl. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, il-latches u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 6 hawn fuq, magħżula mis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.

10. PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

10.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 9.1 hawn fuq ma jiġux rispettati, jew jekk l-imsemmija latches u komponenti għaż-żamma tal-bibien ma jgħaddux mit-testijiet previsti fil-paragrafu 9.2 hawn fuq.

10.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha tavża b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fl-aħħar ikollha, f'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata "APPROVAZZJONI RTIRATA".

11. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament, hu għandu jgħarraf b'dan lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-Awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, u dan permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li jkollha miktub fl-aħħar, b'ittri kbar, l-annotazzjoni iffirmata u ddatata: "PRODUZZJONI MWAQQFA".

12. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITÀ TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tagħti l-approvazzjoni, u lil min għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-estensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

13. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

13.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje tal-emendi 03, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad li tagħti approvazzjonijiet skont dan ir-Regolament kif ġie emendat bis-serje tal-emendi 03.

13.2. Sat-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu approvazzjonijiet lil dawk it-tipi ta' vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi preċedenti.

13.3. Mit-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura għall-approvazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje tal-emendi 03.

13.4. L-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad tip ta' approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' vettura tat-tip approvata skont is-serje tal-emendi 03 ta' dan ir-Regolament.

13.5. Sat-12 ta' Awwissu 2012, l-ebda Parti Kontraenti li tkun qiegħda tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad l-approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' tip ta' vettura approvat skont is-serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

13.6. Mit-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jiċħdu l-ewwel reġistrazzjoni nazzjonali jew reġjonali (l-ewwel dħul fis-servizz) ta' vettura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje ta' emendi 03 ta' dan ir-Regolament.

13.7. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 04, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad li tagħti jew tiċħad li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 04.

13.8. Mill-1 ta' Settembru 2016, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet tat-tip biss jekk it-tip ta' vettura li jrid jiġi approvat jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 04.


13.9. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jiċħdu li jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjonijiet tat-tip għal tipi eżistenti li jkunu ngħataw skont is-serje tal-emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

13.10. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip maħruġa għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Settembru 2016 skont is-serje tal-emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))



Mahruġa minn: Isem tal-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

dwar (2): Approvazzjoni moghtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni miċhuda

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa ghalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-latches tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien skont ir-Regolament Nru 11

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-Estensjoni .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura motorizzata: .....
2. It-tip tal-vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentat tal-manifattur (jekk applikabbli): .....

.....

5. Il-vettura tressqet ghall-approvazzjoni fi: .....
6. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
7. Data tar-rapport tat-test: .....
8. Numru tar-rapport tat-test:
9. Rimarki: it-tip ta' vettura bin-numru ta' bibien (sedan b'2 bibien, 4 bibien — station wagon b'4 bibien …) .....
10. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni: .....
11. Ir-raġuni(jiet) ghall-estensjoni (jekk applikabbli): .....
12. Approvazzjoni moghtija/miċhuda/estiża/irtirata (2) .....
13. Post:.....
14. Data: .....
15. Firma: .....
16. Il-lista tad-dokumenti ddepożitati ghand l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li ta l-approvazzjoni hija mehmuża ma' din il-komunikazzjoni u hija disponibbli meta mitluba. .....


(1) Numru distintiv tal-pajjiż li ta, estenda, ċahad jew irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

ANNESS 2

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

MUDELL A


(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)



Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-latches tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien, ġie approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolament Nru 11, bin-numru tal-approvazzjoni 042439. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 11 kif emendat bis-serje ta' emendi 04.

MUDELL B

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq, imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolament Nru 11 kif emendat mis-serje ta' emendi 04 u r-Regolament Nru 39, kif emendat mis-serje ta' emendi 04 ([1]).

(1) It-tieni numru ngħata biss bħala eżempju.

ANNESS 3

TESTIJIET TAT-TAGĦBIJA WIEĦED, TNEJN, U TLIETA BL-APPLIKAZZJONI TA' FORZA FUQ IL-LATCH

1. SKOP

Dawn it-testijiet huma intenzjonati sabiex jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u l-proċeduri tat-testijiet għall-evalwazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi ta' latches tal-bibien tal-vetturi għall-ħila tagħhom li jirreżistu tagħbijiet ta' forza f'direzzjonijiet perpendikulari mal-wiċċ tal-latch u parallel mal-wiċċ tal-latch fid-direzzjoni ta' ftuħ tal-fork-bolt. Għall-bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, it-testijiet huma maħsuba biex jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u proċedura ta' ttestjar għall-evalwazzjoni tas-sistema ta' latch primarju f'direzzjoni ortogonali mal-ewwel żewġ direzzjonijiet. Is-sistemi tal-latches primarji tal-bieba jridu juru l-ħila li jirreżistu t-tagħbijiet ta' forzi li jiġu applikati kemm fil-pożizzjoni fully latched kif ukoll fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja; is-sistema ta' latch awżiljarju tal-bieba, u sistemi ta' latch oħrajn tal-bieba li jkollhom biss pożizzjoni fully latched, iridu juru l-ħila li jirreżistu tagħbijiet ta' forza f'direzzjonijiet perpendikulari mal-wiċċ tal-latch u paralleli mal-wiċċ tal-latch fid-direzzjoni ta' ftuħ tal-fork-bolt fil-livelli speċifikati għall-pożizzjoni fully latched.

2. OPERAZZJONI TAT-TEST

2.1. Test tat-tagħbija numru wieħed

2.1.1. Tagħmir: Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-1).

2.1.2. Proċeduri

2.1.2.1. Pożizzjoni fully latched

2.1.2.1.1. Qabbad il-fixture tat-test mal-bażijiet tal-immuntar tal-latch u l-istriker. Allinja d-direzzjoni tal-irbit b'mod parallel mal-linkage tal-fixture tat-test. Immonta l-fixture tat-test bil-latch u l-istriker fil-pożizzjoni fully latched fil-magna tat-test.

2.1.2.1.2. Qiegħed il-piżijiet biex tapplika tagħbija ta' 900 N li għandha tendenza li tissepara l-latch u l-istriker fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-bieba.

2.1.2.1.3. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.1 ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.1.2.2. Pożizzjoni ta' latching sekondarja

2.1.2.2.1. Qabbad il-fixture tat-test mal-bażijiet tal-immuntar tal-latch u l-istriker. Allinja d-direzzjoni tal-irbit b'mod parallel mal-linkage tal-fixture tat-test. Immonta l-fixture tat-test bil-latch u l-istriker fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja fil-magna tat-test.

2.1.2.2.2. Qiegħed il-piżijiet biex tapplika tagħbija ta' 900 N li għandha tendenza li tissepara l-latch u l-istriker fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-bieba.

2.1.2.2.3. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.1 ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.1.2.2.4. Il-plate tat-test li fuqha jkun immuntat il-latch tal-bieba jkollha konfigurazzjoni tal-cut-out tal-istriker simili għall-ambjent li fih jiġi mmuntat il-latch tal-bieba fuq bibien ta' vetturi normali.

2.2. Test tat-tagħbija numru tnejn

2.2.1. Tagħmir: Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-2).

2.2.2. Proċeduri

2.2.2.1. Pożizzjoni fully latched

2.2.2.1.1. Qabbad il-fixture tat-test mal-bażijiet tal-immuntar tal-latch u l-istriker. Immonta l-fixture tat-test bil-latch u l-istriker fil-pożizzjoni fully latched fil-magna tat-test.

2.2.2.1.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.2 ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.2.2.2. Pożizzjoni ta' latching sekondarja

2.2.2.2.1. Qabbad il-fixture tat-test mal-bażijiet tal-immuntar tal-latch u l-istriker. Immonta l-fixture tat-test bil-latch u l-istriker fil-pożizzjoni ta' latching sekondarja fil-magna tat-test.

2.2.2.2.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.2 ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.3. Test tat-Tagħbija Numru Tlieta (għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)

2.3.1. Tagħmir: Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-3).

2.3.2. Proċedura

2.3.2.1. Qabbad il-fixture tat-test mal-bażijiet tal-immuntar tal-latch u l-istriker. Immonta l-fixture tat-test bil-latch u l-istriker fil-pożizzjoni fully latched fil-magna tat-test.

2.3.2.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.3 ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

Figura 3-1

Latch tal-Bieba — Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni għat-test tat-tagħbija numru wieħed




Figura 3-2

Latch tal-Bieba — Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni għat-test tat-tagħbija numru tnejn




Figura 3-3

Latch tal-Bieba — Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni għat-test tat-tagħbija numru tlieta (Għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)





Figura 3-4

Direzzjonijiet tat-Test tat-Tagħbija Statika tal-Bieba



ANNESS 4

PROĊEDURI TAT-TEST TAL-INERZJA

1. SKOP

Sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità tas-sistema tal-latch ta' vettura li tirreżisti t-tagħbija tal-inerzja permezz ta' analiżi matematika tal-partijiet komponenti fir-relazzjoni vera tagħhom mal-karozza jew permezz ta' evalwazzjoni bl-użu ta' test dinamiku.

2. PROĊEDURI TAT-TEST

2.1. Għażla 1, Kalkolazzjoni.

2.1.1. Il-proċedura deskritta f'dan l-anness tipprovdi mezz għall-istabbiliment analitiku tal-kapaċità ta' sistema ta' latch ta' bieba li tirreżisti għat-tagħbija tal-inerzja. Il-forzi tal-molol huma l-medja tal-output minimu tal-molol fil-pożizzjoni installata u l-output minimu tal-molol fil-pożizzjoni ta' rilaxx. L-effetti tal-frizzjoni u x-xogħol li jrid isir ma jitqisux fil-kalkoli. Il-ġibda tal-gravità fuq il-komponenti tista' titħalla barra wkoll jekk hija jkollha tendenza li tillimita l-ftuħ tal-latch. Dawn l-ommissjonijiet mill-kalkoli huma permessibbli minħabba li huma jipprovdu fatturi addizzjonali tas-sigurtà.

2.1.2. Konsiderazzjoni tal-Kalkoli — Jista' jsir kalkolu għar-reżistenza minima ta' kull komponent jew subassemblaġġ għat-tagħbija tal-inerzja f'direzzjoni partikolari. Ir-reżistenza kkombinata tagħhom għall-operazzjoni ta' ftuħ tal-latch trid tassigura li s-sistema tal-latch tal-bieba (meta tkun armata sewwa fil-bieba tal-vettura) tibqa' fil-pożizzjoni latched meta soġġetta għal tagħbija tal-inerzja ta' 30 g fi kwalunkwe direzzjoni. Figura 4-1 hija eżempju tal-komponenti u l-kombinazzjonijiet tal-komponenti li jridu jiġu kkunsidrati.

2.2. Għażla 2, Test dinamiku tal-vettura kollha

2.2.1. Tagħmir tat-test

2.2.1.1. Apparat tal-aċċellerazzjoni (jew deċellerazzjoni).

2.2.1.2. Waħda mill-vetturi li ġejjin:

2.2.1.2.1. Vettura sħiħa li tinkludi mill-inqas il-bieba/bibien, il-latch(es) tal-bieba, il-manku/i esterni tal-bieba b'operazzjoni ta' lukkett mekkaniku, il-liver(s) intern(i) għall-ftuħ tal-bieba, l-apparat(i) tal-għeluq, it-trim fuq ġewwa tal-kompartiment u l-lastku tal-bieba.

2.2.1.2.2. Bodi abjad ta' vettura (jiġifieri l-qafas tal-vettura, bibien u komponenti oħrajn għaż-żamma tal-bibien) li jinkludi tal-inqas il-bieba/bibien, il-lukkett(i) tal-bieba, il-manku/i estern(i) tal-bieba b'operazzjoni ta' latch mekkaniku, il-liver(s) interni għall-ftuħ tal-bieba, u l-apparat(i) tal-illokkjar.

2.2.1.3. Apparat jew mezz li jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.

2.2.1.4. Tagħmir biex jitkejlu u jiġu reġistrati l-aċċellerazzjonijiet.

2.2.2. L-arranġament tat-test

2.2.2.1. Orbot il-vettura sħiħa jew il-body abjad tal-vettura b'mod riġidu ma' apparat li meta jiġu aċċellerati flimkien jassigura li l-punti kollha fuq il-kurva tal-impuls tal-ħabta ikunu fil-kuritur definit fit-Tabella 4-1 u l-Figura 4-2.

2.2.2.2. Il-bibien jistgħu jkunu mgħammra b'tether biex jiġi evitat li ssir ħsara fit-tagħmir użat sabiex jiġi rreġistrat il-ftuħ tal-bieba.

2.2.2.3. Installa t-tagħmir użat biex jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.

2.2.2.4. Agħlaq il-bieba/bibien li jridu jiġu ttestjati u assigura li l-latch(es) tal-bibien ikunu fil-pożizzjoni fully latched, li l-bieba/bibien ma jkunux illokkjati, u li t-twieqi kollha, jekk ipprovduti, ikunu magħluqin.

2.2.3. Direzzjonijiet tat-test (ara l-Figura 4-3)

2.2.3.1. Arranġament lonġitudinali 1. Orjenta l-vettura jew il-body abjad b'mod li l-assi lonġitudinali tiegħu jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni, sabiex jiġi ssimulat impatt frontali.

2.2.3.2. Arranġament lonġitudinali 2. Orjenta l-vettura jew il-body abjad b'mod li l-assi lonġitudinali tiegħu jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni, sabiex jiġi ssimulat impatt minn wara.

2.2.3.3. Arranġament trasversali 1. Orjenta l-vettura jew il-body abjad b'mod li l-assi trasversali tiegħu jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni, sabiex jiġi ssimulat impatt min-naħa tas-sewwieq.

2.2.3.4. Arranġament trasversali 2 (Biss għal vetturi li jkollhom arranġamenti tal-bibien differenti fuq kull naħa). Orjenta l-vettura jew il-body abjad b'mod li l-assi trasversali jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni sabiex jiġi ssimulat impatt laterali fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.2.3.3 ta' dan l-anness.

2.3. Għażla 3, Test dinamiku tal-bibien

2.3.1. Tagħmir tat-test

2.3.1.1. L-assemblaġġ(i) tal-bibien li jinkludi, tal-inqas, il-latch(es) tal-bibien, il-manku/i estern(i) tal-bibien b'operazzjoni mekkanika tal-latch, il-liver(s) interni għall-ftuħ tal-bibien, u l-apparat(i) tal-illokkjar

2.3.1.2. Fixture tat-test għall-immuntar tal-bieba/bibien.

2.3.1.3. Apparat tal-aċċellerazzjoni (jew deċellerazzjoni).

2.3.1.4. Tether.

2.3.1.5. Apparat jew mezz li jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.

2.3.1.6. Tagħmir biex jitkejlu u jiġu reġistrati l-aċċellerazzjonijiet.

2.3.2. L-arranġament tat-test

2.3.2.1. Immonta l-assemblaġġi tal-bibien jew separatament jew kombinati mal-fixture tat-test. Kull bieba u striker għandhom ikunu mmuntati sabiex jikkorrispondu mal-orjentazzjoni tagħhom fuq il-vettura u mad-direzzjoni meħtieġa għat-testijiet tat-tagħbija tal-inerzja (paragrafu 2.3.3 ta' dan l-anness).

2.3.2.2. Immonta l-fixture tat-test mal-apparat tal-aċċellerazzjoni.

2.3.2.3. Installa t-tagħmir użat biex jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.

2.3.2.4. Assigura li l-latch tal-bieba jkun fil-pożizzjoni fully latched, li l-bieba tkun tethered, mhux imsakkra u li t-tieqa, jekk ipprovduta, tkun magħluqa.

2.3.3. Direzzjonijiet tat-test (ara l-Figura 4-3)

2.3.3.1. Arranġament lonġitudinali 1. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt frontali.

2.3.3.2. Arranġament lonġitudinali 2. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt fuq wara.

2.3.3.3. Arranġament trasversali 1. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt fuq in-naħa tas-sewwieq.

2.3.3.4. Arranġament trasversali 2. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.3.3.3 ta' dan l-anness.

2.3.3.5. Arranġament vertikali 1. (Applikabbli għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali). Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni biex l-assi vertikali tagħha (meta mmuntata ġewwa vettura) jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni, biex tissimula impatt ta' qlib fejn il-forza tiġi applikata fid-direzzjoni minn fuq għal isfel tal-bieba (meta mmuntata ġewwa vettura).

2.3.3.6. Arranġament vertikali 2. (Applikabbli għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali). Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-apparat tal-aċċellerazzjoni biex l-assi vertikali tagħha (meta mmuntata ġewwa vettura) jkun allinjat mal-assi tal-apparat tal-aċċellerazzjoni, biex tissimula impatt ta' qlib meta l-forza tiġi applikata fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.3.3.5 ta' dan l-anness.

2.4. Operazzjoni tat-test għall-għażliet 2 u 3

2.4.1. Għandu jinżamm livell ta' aċċellerazzjoni minimu ta' 30 g fuq perjodu ta' mill-inqas 30 ms, waqt li l-aċċellerazzjoni tinżamm fil-kuritur tal-impulsi kif definit fit-Tabella 4-1 u muri grafikament fil-Figura 4-2.

2.4.2. Aċċellera l-fixture tat-test fid-direzzjonijiet li ġejjin:

2.4.2.1. Għat-testijiet tal-għażla 2:

2.4.2.1.1. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.1 ta' dan l-anness.

2.4.2.1.2. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.2 ta' dan l-anness.

2.4.2.1.3. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.3 ta' dan l-anness.

2.4.2.1.4. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.4 ta' dan l-anness.

2.4.2.2. Għat-testijiet tal-għażla 3:

2.4.2.2.1. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.1 ta' dan l-anness.

2.4.2.2.2. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.2 ta' dan l-anness.

2.4.2.2.3. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.3 ta' dan l-anness.

2.4.2.2.4. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.4 ta' dan l-anness.

2.4.2.2.5. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.5 ta' dan l-anness.

2.4.2.2.6. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.6 ta' dan l-anness.

2.4.3. Jekk fi kwalunkwe ħin l-impuls jaqbeż is-36 g u r-rekwiżiti tat-test ikunu ġew issodisfati, it-test għandu jitqies bħala validu.

2.4.4. Assigura li l-bieba ma nfetħitx u ngħalqet waqt it-test.

Figura 4-1

Tagħbija tal-inerzja — Eżempju tal-kalkolu

Mogħtija:

Is-sistema ta' latch ta' tal-bieba soġġetta għal deċellerazzjoni ta' 30 g

Il-Forza Medja tal-Output tal-Molla tal-Buttuna = 0,459 kgf

Pawl Spring Output Torque = 0,0459 kgf m

a = 30g (m/s²)

F = ma = m × 30 g = m × 294,2

M_1 = 0,0163 kg d_1 = 31,50 mm


M_2 = 0,0227 kg d_2 = 10,67 mm

M_3 = 0,0122 kg d_3 = 4,83 mm

M_4 = 0,0422 kg d_4 = 31,50 mm

d_5 = 37,59 mm

d_6 = 1,90 mm



● tirrappreżenta s-cg ta' komponent

F_1 = M_1 × a – Tagħbija medja fuq il-molla tal-buttuna = (0,0163 kg × 30 g) – 0,459 kgf = 0,03 × kgf

F_2 = M_2 × a = 0,0227 kg × 30 g = 0,681 kgf

F_3 = M_3/2 × a = 0,0122 kg/2 × 30 g = 0,183 kgf

ΣM_o = $F_1 \times d_1 + F_2 \times d_2 - F_3 \times d_3$

= 0,03 × 31,5 + 0,681 × 10,67 – 0,183 × 4,83

= 7,33 kgf mm

F_5 = M_o/d_4 = 7,33/31,5 = 0,2328 kgf

F_6 = M_4 × a = 0,0422 kg × 30 g = 1,266 kgf

ΣM_o = Pawl spring output torque- $(F_5\ d_5 + F_6\ d_6)/1\ 000$

= 0,0459 – (0,2328 × 37,59 + 1,266 × 1,9)/1 000

= 0,0347 kgf m

Tabella 4-1

Kuritur tal-impuls tal-aċċellerazzjoni

Livell Superjuri			Livell Inferjuri		
Punt	Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g)	Punt	Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g)
A	0	6	E	5	0
B	20	36	F	25	30
C	60	36	G	55	30
D	100	0	H	70	0

Figura 4-2

Impuls tal-aċċellerazzjoni





Figura 4-3

Sistema ta' referenza tal-koordinati ta' vettura għall-ittestjar tal-inerzja



X = direzzjoni longitudinali

Y = direzzjoni trasversali

Z = direzzjoni vertikali

ANNESS 5

PROĊEDURA TAT-TEST FUQ IĊ-ĊAPPETTI

1. SKOP

Dawn it-testijiet isiru sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità ta' sistema ta' ċappetti ta' vettura li tirreżisti tagħbijiet tat-test:

(a) Fid-direzzjonijiet lonġitudinali u trasversali u, barra minn hekk;

(b) Għall-bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, id-direzzjoni vertikali tal-vettura.

2. PROĊEDURA TAT-TEST

2.1. Sistema b'aktar minn ċappetta waħda

2.1.1. Test tat-tagħbija lonġitudinali

2.1.1.1. Tagħmir

2.1.1.1.1. Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni.

2.1.1.1.2. Il-Figura 5-1 turi l-fixture tipika ta' test statiku.

2.1.1.2. Proċedura

2.1.1.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet tat-test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi stabbilita għal 406 ± 4 mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet marbuta tal-pern taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni lonġitudinali tal-vettura. (ara l-Figura 5-2).

2.1.1.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.1.2. Test tat-tagħbija trasversali

2.1.2.1. Tagħmir

2.1.2.1.1. Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni.

2.1.2.1.2. Il-Figura 5-1 turi l-fixture tipika ta' test statiku.

2.1.2.2. Proċedura

2.1.2.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet tat-test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem oppost ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi stabbilita għal 406 ± 4 mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet marbuta tal-pernijiet taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni vertikali tal-vettura (ara l-Figura 5-2).

2.1.2.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.1.3. Test tat-Tagħbija Vertikali (Għal bibien li jinfetħu fid-direzzjoni vertikali)

2.1.3.1. Tagħmir

2.1.3.1.1. Fixture għall-ittestjar tat-tensjoni.

2.1.3.1.2. Il-Figura 5-1 turi l-fixture tipika ta' test statiku.

2.1.3.2. Proċedura

2.1.3.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet tat-test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem oppost ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi stabbilita għal 406 ± 4 mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata minn ġewwa l-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta f'direzzjoni ortogonali mat-tagħbijiet longitudinali u trasversali (ara l-Figura 5-2).

2.1.3.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.2. Evalwazzjoni ta' ċappetta individwali. F'ċerti ċirkostanzi, jista' jkun neċessarju li jiġu ttestjati ċ-ċappetti individwali ta' sistema ta' ċappetti. F'każijiet bħal dawn, ir-riżultati għal ċappetta individwali, meta ttestjata skont il-proċeduri ta' hawn isfel, għandhom ikunu tali li jindikaw li r-rekwiżiti tas-sistema fil-paragrafu 6.1.5.1 ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. (Pereżempju, ċappetta individwali f'sistema ta' żewġ ċappettit trid tkun kapaċi tirreżisti 50 fil-mija tar-rekwiżiti tat-tagħbija tas-sistema kollha.)

2.2.1. Proċeduri tat-test

2.2.1.1. Tagħbija Longitudinali. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-finijiet tat-test, it-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet marbuta tal-pern taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni longitudinali tal-vettura. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.2.1.2. Tagħbija trasversali. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-finijiet tat-test, it-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-pożizzjonijiet marbuta tal-pern taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni trażversali tal-vettura. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.2.1.3. Tagħbija Vertikali. Qabbad is-sistema taċ-ċappetti mal-bażijiet għall-immuntar tal-fixture tat-test. L-orjentazzjoni taċ-ċappetti trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għalkollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għal skopijiet ta' test, it-tagħbija għandha tiġi applikata fil-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta f'direzzjoni ortogonali mat-tagħbijiet longitudinali u trasversali. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Il-falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' waħda miċ-ċappetti. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

2.3. Għaċ-ċappetti tat-tip "piano hinge", ir-rekwiżiti dwar l-ispazjar taċ-ċappetti mhumiex applikabli u l-arranġament tal-apparat tat-test huwa mibdul sabiex il-forzi tat-test jiġu applikati fuq iċ-ċappetta kollha.

Figura 5-1

Fixtures tat-testijiet statiċi





Figura 5-2

Direzzjonijiet tat-test tat-tagħbija statika għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali.



ANNESS 6

BIEBA TAL-ĠENB SKORREVOLI — TEST TAL-BIBIEN KOMPLUTI

1. SKOP

Dan it-test huwa intenzjonat sabiex jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u proċedura tat-test għall-evalwazzjoni u l-ittestjar tal-komponenti għaż-żamma tal-bibien skorrevoli meta jkunu installati kemm fuq il-bieba kif ukoll fuq id-dawra tal-bieba. Dan it-test jikkumplimenta t-testijiet applikabbli fl-Anness 3 u fl-Anness 4.

2. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

2.1. It-testijiet isiru bl-użu ta' vettura sħiħa jew body abjad bil-bieba skorrevoli u l-komponenti għaż-żamma tagħha.

2.2. It-test isir billi jintużaw żewġ apparati għall-applikazzjoni tal-forza li kapaċi japplikaw il-forzi trasversali 'l barra speċifikati fil-paragrafu 6.2.4 ta' dan ir-Regolament. L-arranġament tat-test huwa muri fil-Figura 6-1. Is-sistema għall-applikazzjoni tal-forza għandha tinkludi dawn li ġejjin:

2.2.1. Żewġ plates għall-applikazzjoni tal-forza.

2.2.2. Żewġ apparati għall-applikazzjoni tal-forza li kapaċi japplikaw ir-rekwiżiti tat-tagħbija trasversali 'l barra għal spostament minimu ta' 300 mm.

2.2.3. Żewġ ċelluli ta' tagħbija ta' kapaċità suffiċjenti sabiex ikejlu t-tagħbijiet applikati.

2.2.4. Żewġ apparati ta' kejl tal-ispostament lineari li huma meħtieġa sabiex ikejlu l-ispostament tal-apparat għall-applikazzjoni tal-forza waqt it-test.

2.2.5. Tagħmir għall-kejl ta' mill-anqas 100 mm ta' separazzjoni bejn l-intern tal-bieba u x-xifer ta' barra tal-qafas tal-bieba, waqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti rilevanti kollha dwar is-saħħa u s-sikurezza.

3. L-ARRANĠAMENT TAT-TEST

3.1. Neħħi l-komponenti dekorattivi interni kollha mill-assemblaġġ tal-bieba skorrevoli.

3.2. Neħħi s-sits u kwalunkwe komponent intern ieħor li jista' jinterferixxi mal-immuntar u t-tħaddim tat-tagħmir tat-test u kull tirqim tal-pilastru u kwalunkwe komponent mhux strutturali li jirkeb fuq il-bieba u jikkawża spostament ħażin tal-plates għall-applikazzjoni tal-forza.

3.3. Immonta l-apparati għall-applikazzjoni tal-forza u l-istruttura ta' sostenn assoċjata mal-qiegħ tal-vettura tat-test. Kull apparat għall-applikazzjoni tal-forza u struttura ta' sostenn assoċjata hija mwaħħla b'mod riġidu fuq wiċċ orizzontali fuq il-qiegħ tal-vettura, waqt li jiġu applikati t-tagħbijiet.

3.4. Stabbilixxi x-xifer ta' quddiem u ta' wara tal-bieba skorrevoli, jew l-istruttura tal-vettura li tmiss magħha, li fiha lukkett/striker.

3.5. Agħlaq il-bieba skorrevoli, filwaqt li tassigura li l-komponenti kollha li jżommu l-bieba jkunu marbutin għalkollox.

3.6. Għal kull xifer ta' bieba ttestjat li jkun fih latch/striker, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:

3.6.1. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija twila 150 mm, wiesgħa 50 mm u ħoxna mill-inqas 15-il mm. Ix-xfar tal-plate jiġu għat-tond għal raġġ ta' 6 mm ± 1 mm.

3.6.2. Poġġi l-apparat għall-applikazzjoni tal-forza u l-plate għall-applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali longitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq il-porzjon tal-latch/striker immuntat fuq il-bieba.

3.6.3. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija ppożizzjonata b'mod li x-xifer it-twil tal-plate ikun kemm jista' jkun qrib, u parallel max-xifer intern tal-bieba, iżda mhux li x-xifer ta' quddiem tal-plate ikun iżjed minn 12,5 mm mix-xifer intern.

3.7. Għal kull xifer ta' bieba ttestjat li jkun fih aktar minn latch/striker wieħed, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:

3.7.1. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija twila 300 mm, wiesgħa 50 mm u ħoxna mill-inqas 15-il mm. Ix-xfar tal-plate jiġu għat-tond għal raġġ ta' 6 mm ± 1 mm.

3.7.2. Poġġi l-apparat għall-applikazzjoni tal-forza u l-plate għall-applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq punt li jkun nofs triq bejn ix-xfar l-aktar fuq barra tal-assemblaġġi tal-latch/striker.

3.7.3. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija ppożizzjonata b'mod li x-xifer it-twil tal-plate ikun kemm jista' jkun qrib, u parallel max-xifer intern tal-bieba, iżda mhux li x-xifer ta' quddiem tal-plate ikun iżjed minn 12,5 mm mix-xifer intern.

3.8. Għal kwalunkwe xifer tal-bieba ttestjat li ma jkunx fih tal-inqas latch/striker wieħed, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:

3.8.1. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija twila 300 mm, wiesgħa 50 mm, u ħoxna mill-inqas 15-il mm.

3.8.2. Poġġi l-apparat għall-applikazzjoni tal-forza u l-plate għall-applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq punt nofs triq tul ix-xifer tal-bieba sabiex ikun żgurat li l-apparat tat-tagħbija jevita l-kuntatt mal-ħġieġ tal-bieba.

3.8.3. Il-plate għall-applikazzjoni tal-forza hija ppożizzjonata kemm jista' jkun qrib tax-xifer tal-bieba. Mhux meħtieġ li l-plate għall-applikazzjoni tal-forza tkun vertikali.

3.9. Il-bieba ma tkunx illokkjati. Ma tista' tiġi wweldjata jew imwaħħla l-ebda fixture jew komponent addizzjonali mal-bieba skorrevoli tal-ġenb jew ma' xi komponent tagħha.

3.10. Qabbad kwalunkwe tagħmir użat għall-kejl tas-separazzjoni tal-bieba li jkun se jintuża sabiex jistabbilixxi l-livelli ta' separazzjoni waqt il-proċedura tat-test.

3.11. Poġġi l-istruttura tal-applikazzjoni tat-tagħbija b'mod li l-plates għall-applikazzjoni tal-forza jkunu f'kuntatt mal-intern tal-bieba skorrevoli.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

4.1. Ċaqlaq kull apparat għall-applikazzjoni tal-forza b'rata sa 2 000 N kull minuta, kif speċifikat mill-manifattur, sakemm tinkiseb forza ta' 9 000 N fuq kull apparat għall-applikazzjoni tal-forza jew sakemm xi wieħed mill-apparati għall-applikazzjoni tal-forza jilħaq spostament totali ta' 300 mm.

4.2. Jekk wieħed mill-apparati għall-applikazzjoni tal-forza jilħaq il-forza fil-mira ta' 9 000 N qabel l-ieħor, żomm il-forza ta' 9 000 N b'dak l-apparat għall-applikazzjoni tal-forza sakemm it-tieni apparat għall-applikazzjoni tal-forza jilħaq il-forza ta' 9 000 N.

4.3. Ladarba ż-żewġ apparati għall-applikazzjoni tal-forza jkunu laħqu 9 000 N kull wieħed, waqqaf il-moviment 'il quddiem tal-apparati għall-applikazzjoni tal-forza u żomm taħt it-tagħbija li tirriżulta għal minimu ta' 10 sekondi.

4.4. Żomm il-pożizzjoni tal-apparat għall-applikazzjoni tal-forza tal-paragrafu 4.3, u fi żmien 60 sekonda, kejjel is-separazzjoni bejn ix-xifer estern tad-dawra tal-bieba u l-intern tal-bieba tul il-perimetru tal-bieba.

Figura 6-1

Il-proċedura tat-test tal-bibien skorrevoli tal-ġenb fuq il-vettura kompluta

(*Nota*: Il-bieba skorrevoli tidher separata minn mal-vettura)

